## GĦELUQ ID-90 SENA TAL-

# 'INNU LILL-BAMBINA' FIL-JUM TAL-INKURUNAZZJONI TAGĦHA TA' DUN KARM PSAILA, IL-POETA NAZZJONALI

Fil-proċess tal-ġbir għall-ewwel darba tal-poeżiji kollha ta' Dun Karm miktubin kemm bit-Taljan u mbagħad anki bil-Malti, mill-1912 'il quddiem, kelli nfittex kullimkien, matul mhux inqas minn ħmistax-il sena sħaħ. Il-poeżiji kienu mferrxin f'maruskritti, f'dattiloskritti (kopji ttajpjati), f'fuljetti jew f'libretti, f'karti volanti, fi programmi tal-okkażjoni, f'ġabriet kemm pubbliċi u kemm privati. Dan il-proċess tassew twil, diffiċli u kumpless, ġabni fost l-oħrajn quddiem ġabra sħiħa ta' innijiet reliġjużi, parrokkjali, ilkoll marbutin ma' xi ġrajja parrokkjali partikolari.

*Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna,*
*Bil-kuruna fuq rasek rajnik;*
*Int ħabbejtna, ja tfajla tas-Sema,*
*Imħabbitna, o rebbieħa, tajnik.*

*Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna,*
*Bil-kuruna fuq rasek rajnik;*
*Fit-taqbida mal-faħxi, maż-żieni,*
*F'widnejn ħutna titkellem smajnik.*

*Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna,*
*Bil-kuruna fuq rasek rajnik;*
*Fuq il-qabar ta' ħutna li xehdu,*
*Tal-ġieħ tagħna għassiesa qegħ'dnik.*

*Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna,*
*Bil-kuruna fuq rasek rajnik;*
*Inti ħelwa, Int sabiħa, Int ħanina:*
*Għalhekk b'ommna, Int taf, għażilnik.*

*Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna,*
*Bil-kuruna fuq rasek rajnik;*
*Minn kull ħażen li jisraq il-paċi,*
*J'Omm, ħarisna; hekk dejjem tlabnik.*

'Innu lill-Bambina' ta' Dun Karm (1871-1961) huwa wieħed minn għadd kbir ta' innijiet li huwa kiteb biex jgħin fil-bini ta' patrimonju mużikali-letterarju Malti fil-qasam reliġjuż. Huwa magħmul minn sensiela ta' strofi ta' erba' versi kull waħda, b'ritornell ta' żewġ versi (li fil-fatt huwa ripetizzjoni taż-żewġ versi li jiftħu lil kull strofa ta' erba' versi, jiġifieri l-kwartina). B'hekk jiġri li kull motiv ta' kull kwartina jidwi fi ħdan żewġ versi (distiku) mtennija. Din hi l-istess forma li Dun Karm adotta fl-'Innu Ewkaristiku' magħruf aħjar bħala 'Nadurawk, Ja ħobż tas-Sema'.

Kull kwartina f'dan l-innu hi magħmula minn erba' versi ta' għaxar sillabi kull wieħed, id-dekasillabu. Dan hu vers ta' għaxar sillabi li għandu tliet aċċenti fissi li jaqgħu fuq it-tielet, is-sitt u d-disa' sillaba. Fi kliem ieħor, huwa vers magħmul minn tliet amfibrakkji b'sillaba mhux aċċentata miżjuda fil-bidu. L-amfibrakkju huwa pied (kelma jew frażi) ta' tliet sillabi bl-aċċent fuq it-tieni sillaba.

Kull kwartina ta' dan l-innu għandha din ir-rima: a-b-ċ-b, jiġifieri t-tmiem tat-tieni vers ta' kull strofa jaqbel mat-tmiem tar-raba': rajnik - tajnik... Ir-rima hi l-istess rima (il-monorima) mill-bidu sal-aħħar: rajnik - tajnik, rajnik – smajnik, rajnik - qegħednik, rajnik - għażilnik, rajnik - tlabnik. Hi dejjem

rima maskili, jiġifieri rima li taqa' fuq l-aħħar sillaba tal-kelma, u għalhekk il-versi fejn hemm ir-rima huma versi tronki (versi li jispiċċaw b'kelma li l-aċċent jaqa' fuq is-sillaba tal-aħħar). Il-versi l-oħrajn fejn ma hemmx rima huma pjani, jiġifieri l-aċċent jaqa' fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar.

Bħalma jagħmel Dun Karm sikwit fl-innijiet tiegħu, saħansitra anki fl-'Innu Malti', hawnhekk ukoll huwa jagħlaq kull vers b'xi forma jew oħra tal-punteġġjatura (virgola, jew komma, u *semi-colon*). Kull vers jistrieħ, jew jieqaf għal ftit, f'pawsa qasira, f'nifs, bejn vers u ieħor. Din hi drawwa komuni fil-qasam tal-kitba tal-innijiet, u l-iskop tagħha hu li tagħti l-opportunità lill-kompożitur biex jiżvolġi motiv mużikali li jista' b'xi mod ikun sħiħ fi ħdan il-medda qasira ta' kull vers.

Kull strofa tinfetaħ bil-motiv taż-żmien. Il-kelma insistenti 'issa' fil-bidu ta' kull strofa u kull ritornell, hi indikazzjoni li Dun Karm ried juri li n-nies tal-Isla kienu ilhom jistennew li ssir l-Inkurunazzjoni ta' Marija Bambina. B'dan il-mod, mela, spunt storiku huwa msarraf f'element lettterarju. Ir-ripetizzjoni tal-kelma 'issa' fil-bidu ta' kull strofa u kull ritornell (anafora) tindika l-insistenza li biha Dun Karm ried jesprimi l-mistennija tas-Sengleani għal din il-ġrajja storika. Il-kelma 'issa', jiġifieri 'sa fl-aħħar' hi l-kelma-muftieħ li torbot lil dan l-Innu lill-Bambina ma' kemm is-Sengleani kienu ilhom jistennew li sseħħ din il-ġrajja.

Fil-biċċa l-kbira tal-versi Dun Karm jixħet il-verb fi tmiem il-vers, fl-aħħar. Hekk jiġri kull fejn hemm ir-rima, li dejjem taqa' fuq verb, aspett li juri l-karattru attiv tal-innu. Dan hu wieħed mill-aspetti stilistiċi li jindikaw il-Latiniżmu tal-kitba ta' Dun Karm mhux biss bit-Taljan imma wkoll bil-Malti. Din it-tendenza tal-poeta li jixħet il-verb kemm jista' jkun lejn l-aħħar tas-sentenza hi tipika wkoll tal-'Innu Malti'. Fi kliem ieħor, il-poeta qiegħed jisħaq fuq il-fatt li s-Sengleani għamlu xi ħaġa bi sforz kbir u twil. Il-motiv huwa l-qofol tar-ritornell: 'issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna.'



*Mons. Carmelo Psaila, il-Poeta Nazzjonali u awtur tal-Innu tal-Inkurunazzjoni tal-Bambina.*

Xejra interessanti oħra ta' dan l-innu hi l-insistenza fuq il-konsonanti doppji. Dawn huma l-eżempji meħudin mill-innu: issa, ntemmet, ix-xewqa, ħabbejtna, tas-sema, imħabbitna, rebbieħa, maż-żieni, titkellem, għassiesa, għalhekk, ommna, omm, hekk, dejjem. Minħabba li fl-Ilsien Malti r-ripetizzjoni tal-konsonanti hi indikazzjoni ta' enfasi u insistenza jew intensifikazzjoni, fil-fehma tiegħi Dun Karm, konxjament jew le, qiegħed iħaddem il-konsonanti doppji sewwasew biex jesprimi b'enfasi l-motiv li s-Sengleani 'issa', sa fl-aħħar u wara tant mistennija, irnexxielhom itemmu x-xewqa tagħhom. Kumment ta' natura storika jista' forsi juri għala Dun Karm qiegħed jinsisti fuq l-'issa', fuq din l-idea ta' speċi 'sa fl-aħħar...'. Din hi tweġiba li jista' jagħtiha l-istoriku.

L-innu huwa mfisser mill-bidu sal-aħħar fl-aspett vokattiv (li jesprimi x-xewqa u t-talba tal-poplu). Il-poeta qiegħed jitkellem u jindirizza lil xi ħadd (apostrofi), imma huwa jgħaddi minnufih mis-sens ta' 'jiena'



*Il-ġrajja memorabbli tal-Inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina fix-Xatt tal-Isla, 90 sena ilu.*

għas-sens ta' 'aħna'. L-innu jidwi bil-verb tal-ewwel persuna plural: rajnik, ħabbejtna, smajnik, qegħednik, għażilnik, tlabnik. Il-kelma-muftieħ tal-Innu kollu hija 'aħna', li timplika l-parti l-oħra tad-diskors, li hija 'Inti', il-Madonna, dik li hi indirizzata bil-kelma qadima, rispettuża fi żmienha, 'ja': 'ja tfajla tas-sema' (fl-ewwel strofa) u 'j'omm' (fl-aħħar strofa).

Kull vers, minbarra l-vers-ritornell 'Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna', huwa mibni fuq il-vokattiv. Dun Karm qiegħed jikteb u jitkellem f'isem folla, u mhux f'ismu. Il-kelma essenzjali tal-innu kollu hi 'aħna', kemm meta hi miktuba u kemm, jew wisq aktar, meta hi sikwit implikata, suġġerita bla ma hi msemmija. Dan ifisser li l-poeta mhux biss ried jesprimi sens taż-żmien, tal-mistennija ('issa'), imma ried ukoll jiċċelebra s-sens ta' unanimità ('aħna', kelma miktuba kif inhi, bħala tali, u wkoll implikata fil-karattru grammatikali tal-kitba kollha).

Waqt li kull vers jevita l-'enjambment' (it-tkomplija tal-vers fil-vers ta' wara), u jgħaddi minn espressjoni ta' vers għal ieħor bi speċi ta' waqfa, min-naħa l-oħra, minbarra fir-ritornell, il-versi kollha għandhom Ċesura, jiġifieri waqfa, pawsa, immarkata b'virgola, fi ħdanhom. Kull virgola titlob waqfa, intervall, u mbagħad kontinwazzjoni.

Dan l-innu jesprimi mhux biss il-qima lejn il-Madonna, imma wkoll is-sens ta' unanimità ta' folla li kienet ilha tistenna li sseħħ ix-xewqa tagħha. L-Inkurunazzjoni hi għalhekk imfissra poetikament kemm bħala espressjoni ta' fidi u kemm bħala espressjoni tal-identità ta' komunità sħiħa.

*Prof. Oliver Friggieri*

--------------------

(Għall-poeżiji ta' Dun Karm miġburin għall-ewwel darba wara mewtu minn Oliver Friggieri ara l-volumi *Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura* (Klabb Kotba Maltin, 1986), u *Dun Karm – Le Poesie Italiane*, Malta University Press, 2008).